MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru 239/2005

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Catherine Grixti

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Catherine Grixti detentrici ta' karta ta' identita' numru 4752A akkuzata talli:

Fl-20 ta' Novembru 2004 u fil-jiem ta' qabel, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha innifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz billi wahhlet sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru BBB-969 fuq vettura tal-marka Austin Mini bin-

numru originali GAI-743, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhlet in-numru tar-registrazzjoni BBB-969 li jappartjeni vettura ohra tal-ghamla Austin Mini, kif ukoll licenzja tal-‘windscreen’ li wkoll tappartjeni l-istess vettura (BBB-969), fuq vettura tal-ghamla Austin Mini bin-numru originali GAI-743, ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fid-19 ta’ Novembru 2004 u fil-jiem ta’ qabel, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, saqet vettura tal-ghamla Austin Mini (bin-numru tar-registrazzjoni originali GAI-743), b’numru tar-registrazzjoni BBB-969 li huwa falz, meta din ma kienitx registrata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, u b’hekk ma kienitx koperta b’licenzja jew polza ta’ l-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputata tirregistra ammissjoni f’liema ammissjoni hi ippersistiet anka wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata hi ghandha tinstab hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha. Dawna l-akkuzi jirrigwardaw l-falsifikazzjoni u offizi relatati.

Dwar il-piena rat l-Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9 u l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Avviz Legali 128/1994. Tikkundannaha sitt xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap

9 qeghdin jigu sospizi ghal sena mill-lum bil-kundizzjoni li l-imputata ma tikkommettiex reat iehor fi zmien il-perjodu operattiv ta’ sena mill-lum.

Il-Qorti spjegat ir-responsabbilitajiet tal-imputata naxxenti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------